

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/801/PESK**tas-17 ta' Novembru 2014****li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ⁽¹⁾.
- (2) L-informazzjoni għal persuna waħda elenkata taħt id-Deċiżjoni 2014/145/PESK għandha tiġi emendata.
- (3) L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2014.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. MOGHERINI

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

ANNEX

L-entrata għall-persuna li ġejja stipulata fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija sostitwita bl-entrata ta' hawn taħt.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
	“Vladimir Volfovich ZHIRINOVSKY Владимир Вольфович Жириновский	Imwielel fil- 25.4.1946 f'Almaty (qabel magħruf ukoll bħala Alma-Ata), il- Kazakistan.	Membru tal-Kunsill tad-Duma tal-Istat; mex- xej tal-partit LDPR. Appoġġa b'mod attiv l- użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukraina u l- annessjoni tal-Krimea. Appella b'mod attiv li tinqasam l-Ukraina. Iffirma, fisem il-partit LDPR li huwa jippresiedi, ftehim mal-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Donetsk'.	12.9.2014”